Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Christabelle Chetcuti]
[Spettur Clayton Camilleri]

vs

Jon Lawrence Formosa

Kumpilazzjoni Numru: 9/22

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Jon Lawrence Formosa** detentur tal-karta tal-identità numru 546993M akkuzat talli nhar is-sitta (6) t'Awwissu 2021 ghal habta ta' bejn il-17:30hrs u 18:00hrs gewwa Triq l-Imdina, Attard, f'dawn il-gzejjer Maltin

1. **Bil-hsieb li jikkommetti serq ta' vettura tal-ghamla *Vauxhall Corsa* bin-numru ta' registrazzjoni DAE-253 liema serq huwa**

aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37c) ghad-detriment ta' Paul Deguara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè vettura tal-ghamla *Vauxhall Corsa* bin-numru ta' registrazzjoni DAE-253 ghad-detriment ta' Paul Deguara, liema ammont ta' hsara ma jiskorriex elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda huwa izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250);

3. U aktar talli fl-istess data, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija u f'kaz li tinghata ordni ta' sentenza sospiza, tordna direttiva li tobbliga lill-hati jirrestitwixxi

lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew akkwista bi qliegh iehor kontra l-ligi, bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun gie misjub hati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat id-digriet taghha moghti fid-dsatax (19) t'April tas-sena 2022 fil-atti processwali tal-kawza bin-numru 184/18 bl-istess ismijiet fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-imputat sabiex tisma' l-procedura

odjerna bhala Qorti dwar id-droga u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha moghti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena 2024 fejn ordnat li l-atti ta' din il-kawza li kienet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta jigu determinati minn din il-Qorti hekk kif presjeduta u dan ai termini tal-Artikolu 8(6) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi xehdet <u>**eks-Spettur Christabelle Chetcuti**</u> li tghid li fis-sitta (6) t'Awwissu 2021 kienet stazzjonata gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara meta giet infurmata li gie arrestat l-akkuzat mill-RIU. Tghid li dan sehh stante li l-akkuzat kien inqabad jaghmel xi hsara fuq vettura. Tixhed li hi kellmet lill-akkuzat fit-tlettax (13) t'Awwissu 2021 flimkien mal-kollega taghha PC 905 fejn hu stqarr li kien ghadu kif hareg mill-Isptar Mount Carmel u nizel lejn H'Attard. Tixhed li l-akkuzat kompla jghidilha li hu ra karozza li haseb li kienet tappartjeni lil wiehed li kellu dejn mieghu u ghalhekk ried jipprova jiehu kwalunkwe flejjes li seta' kien hemm f'din il-karozza. Tghid

li l-akkuzat ammetta mal-Pulizija dwar l-allegazzjonijiet maghmula lilu. Tkompli tghid li l-vettura mertu tal-kawza kienet tal-ghamla Vauxhall Corsa u kienet ipparkjata gewwa Triq l-Imdina, H'Attard. Tghid li sid il-vettura kien certu Paul Deguara u li tali sid kien ipprovda stima tal-hsarat li ammontaw ghal madwar mitejn u sittin ewro (€260) kif ukoll filmat ta' dak kollu li gara. Tghid li l-akkuzat kien stqarr li kien ibati bil-vizzju tad-droga. Izzid tghid li l-akkuzat kien ikkopera filwaqt li anke skuza ruhu kif ukoll stqarr li kien lest li jaghmel tajjeb ghall-hsarat li sehhew.

Illi xehed <u>PC 1027 Simon Micallef</u> li jghid li fis-sitta (6) t'Awwissu 2021 fis-sitta u nofs kien qieghed l-Ghassa ta' Birkirkara mas-Surgent 1301 meta dahlu zewg (2) membri tal-RIU bl-akkuzat arrestat. Jixhed li l-akkuzat kien gie arrestat stante li pprova jizgassa karozza. Ikompli jixhed li s-Surgent ta d-dritt tal-Avukat lill-akkuzat u l-istess akkuzat cahad tali dritt. Jghid li l-akkuzat kien spjega li kien ghaddej mit-triq meta pprova jimbotta l-karozza. Jghid ukoll li mar fuq il-post mal-kollegi tieghu sabiex ikellmu lil Paul Deguara u cioè sid il-vettura. Jghid li sabu l-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug illevata filwaqt li mal-hgiega tal-istess bieb kien hemm sinjal ta' daqqiet ta' gebel. Ikompli jixhed li

l-parte civile kien spjega kif ittawwal mit-tieqa u ra persuna tipprova tiftah il-bieb tal-vettura tal-ghamla Vauxhall bin-numru DAE-253 u hekk kif fetah il-bieb tar-residenza tieghu din il-persuna telqet tigri. Jghid li seta' jinnota li gol-karozza kien hemm bott mimli muniti u b'hekk issuspetta li l-akkuzat kien qieghed jipprova jidhol gol-karozza sabiex jisraq dawn il-flejjes.

Ikompli jixhed li l-akkuzat ammetta fl-istqarrija tieghu li pprova jiftah il-bieb tal-vettura u stqarr ukoll li kien lest li jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kkawza. Jghid li l-akkuzat spjega kif haseb li l-karozza kienet ta' xi hadd li kellu d-dejn mieghu izda ma kienx il-kaz. Jixhed ukoll li l-akkuzat spjega li kien ghadu kif hareg minn Mount Carmel u dan stante li kien rega' waqa' fil-vizzju tad-drogi.

Illi xehed <u>PS 1010 Andrea Zahra</u> li jghid li fis-sitta (6) t'Awwissu 2022 kien qieghed jahdem gewwa l-Ghassa meta rcieva komunikazzjoni mill-Control Room li kien hemm persuna mnizzel bhala "Wanted" li rikeb tal-Linja. Jixhed li din il-persuna kien gej minn H'Attard fid-direzzjoni lejn l-Imriehel. Jixhed li wara li waqqfu x-xarabank nizzlu lill-akkuzat Jon Lawrence Formosa. Jghid li hu informa lill-akkuzat li jinsab arrestat stante allegazzjoni

ta' attentat ta' serq gewwa Mdina Road, H'Attard. Jixhed li wara li nghatalu d-dritt tal-assistenza legali l-akkuzat stqarr li kien ghadu kif hareg mill-Isptar Mount Carmel u li ma kellu xejn fuqu. Jixhed li l-akkuzat stqarr li ghandu vizzju tad-droga u matul dan l-avveniment l-akkuzat ikkopera.

Illi xehed il-parte civile <u>**Paul Deguara**</u> li jghid li ma jiftakarx meta sehh l-allegat incident izda kien wara nofsinhar. Jixhed li dan kien fis-sena 2022. Ikompli jghid li hu f'hin minnhom beda jisma' t-tahbit. Izid jghid li wara li beda jisma' iktar tahbit ittawwal mit-tieqa tad-dar tieghu u lemah ragel b'idejh gol-karozza tieghu li kien qieghed jipprova jillieva l-bieba. Jixhed li hekk kif ghajjat dan ir-ragel telaq jigri minn fuq il-post. Jixhed li ma sab xejn nieqes u li l-hsarat minkejja li ma kellux kopja tal-ircevuta fuqu kienu ammontaw ghal madwar mitejn u erbghin ewro (€240). Jixhed li kien ghadda l-istima lill-Ispettur. Izid jghid li l-vettura tieghu hija tal-ghamla Vauxhall Nova u li l-ewwel ittri tan-numru ta' registrazzjoni huma DAE. Jixhed li ma jafx min kien dan ir-ragel li pprova jidhol fil-karozza tieghu.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li wettaq attentat ta' serq fuq xi flejjes li kienu go vettura b'dana li rnexxielu jikkawza hsara lill-istess vettura. Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa rrinunzja ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza <u>**Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**</u> (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:

> *"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ...*

*Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'l-istqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi di più, din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti mill-bidu tal-investigazzjoni. Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda hu ma nqediex b'tali dritt.

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea f' **Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where*

*access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-*Grand Chamber* f' Beuze. Fil-kaz **Farrugia v. Malta**, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-*overall fairness*.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

*"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into*

*account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta** (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

*"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single*

*unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling*

*reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi ghalhekk jidher car illi f'dan il-kaz, jekk wiehed kellu jhares lejn il-fedina penali tal-imputat, johrog bic-car li huwa kien ben midhla tas-sistema gudizzjarja u investigattiva.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-*overall fairness* rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Illi ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova. Di più l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena 2024 fejn jintqal hekk:

*"Il-Qorti rat il-verbal tal-01 ta' Dicembru 2022, il-prosekuzzjoni fid-dawl tal-imsemmija talba tressaq bhala xhud lill-Ex Spettur tal-Pulizija Christabelle Chetcuti li xehdet bil-gurament u pprezenta kopja tal-istatement*

*rilaxxat nhar it-13 t'Awwissu 2021 fejn hija gharfet il-firem kollha fuq dik l-istqarrija li giet immarkata Dok CC1."*

Illi fl-istqarrija tieghu l-akkuzat car u tond jghid:

*"T: Kont sejjer b'tal-Linja u ma kelliex flus bizzejjed u bdejt nimxi u wasalt fejn din il-karozza li hsibta li kienet tal-mandoli li kien wiehed li kont nahdem mieghu l-irham. Dan ma kienx hallasni u rajt li kien hemm xi flus taht id-dug board tal-vettura u bdejt nissarra mal-vettura biex nohodhom ha jkolli ghal tal-linja. F'daqqa wahda hareg wiehed jghajjat minn warajja u ndunajt li l-karozza ma kinitx tal-mandolin ghax dan kien fih ragel u jien tlaqt nigri."*

Illi ghalhekk stante din l-ammissjoni, maghdud ma' dak kollu li ntqal hawn fuq, din il-Qorti sejra ssib htija fuq l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-akkuzat gie addebitat ukoll bir-reat ta' hsara volontarja b'dana li allegatament ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru DAE-253. Tali reat hu sancit mill-Artikolu 325 (1) tal-Kodici Kriminali:

> *"Kull min, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati …"*

Illi kif digà ntqal, gie ppruvat tramite l-istqarrija li l-akkuzat ammetta li wettaq l-allegati hsarat fuq il-vettura ta' Paul Deguara tant li jghid hekk:

> *"M: Ghadni kemm urejtek filmat fejn nhar is-06 t'Awwissu 2021 qed tidher illi qed iddur ma' vettura tal-ghamla Vauxhall Corsa ta' kulur abjad li kienet ipparkjata fi Triq l-Imdina Attard u tidher bic-car illi qed tipprova tissarra biex tiftah il-bieba tal-vettura. Tikkonferma li dak li hemm fil-filmat huwa int?*
>
> *T: Iva."*

Illi fl-istess stqarrija l-akkuzat ikompli jghid hekk:

*"M: Bhala hsarat fuq din il-vettura jidher illi skond li stima hemm madwar b'260 Euros. Inti lest li taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat?*

*T: Iva"*

Illi ghalhekk gie ppruvat li l-hsara li kkaguna l-akkuzat kienet dik ta' mitejn u sittin ewro (€260). Huwa ghalhekk li ghandu jigi applikat id-dispozizzjoni tas-subartikolu b tal-istess artikolu u cioè:

*"jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin euro (€250), il-piena ta' prigunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar."*

Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fir-rigward it-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat. Illi l-Qorti ttenni li fl-ebda hin ma d-difiza ssollevat xi eccezzjonijiet a rigward il-validità tal-istqarrija moghtija mill-imputat partikolarment ghall-istat fiziku jew mentali

tieghu fil-mument meta ttihdietlu tali stqarrija u ghalhekk din il-Qorti qed tehodha li ma kien hemm l-ebda impediment dwar dan.

**Ikkunsidrat**

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva jinghad illi ma gew ipprezentati ebda sentenzi mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkuzat mit-tielet (3) akkuza stante nuqqas ta' provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha fl-atti processwali numru 184/18 datat dsatax (19) ta' April tas-sena 2021 fejn intlaqghet it-talba tad-difiza sabiex tikkonverti ruhha bhala Qorti tad-Droga. Rat ukoll li dawn il-proceduri odjerni filwaqt li kienu qeghdin quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta kellhom jigu determinati minn din il-Qorti hekk kif preseduta ai termini tal-Artikolu 8 (6) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont digriet datat disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2024. Ghalhekk il-Qorti taghmel

referenza ghal dak li ntqal mill-Bord tar-Riabilitazzjoni tramite n-nota a fol. 193 tal-atti processwali numru 184/18.

In-nota tindika li l-akkuzat ghamel minn kollox sabiex ikompli jahdem fuqu nnifsu. Huwa mertu ta' dan l-isforz da parti tal-imputat li l-istess Bord wasal biex iqis il-kaz tieghu bhala wiehed maghluq b'success[1].

Illi oltrè minn hekk il-Qorti rat ix-xhieda ta' Dr Chris Cremona u Dr Joseph Tonna a fol. 158 u 163 rispettivament tal-atti processwali numru 184/18 li joffru stampa shiha tal-istorja tal-akkuzat u d-dipendenza tieghu fuq il-vizzju tad-drogi.

Illi l-Qorti qieghda taghmel referenza ghal dak li xehed Dr Joseph Tonna a fol. 169 tal-atti processwali numru 184/18:

> *"… Jigifieri barra l-fatt li wiehed inaqqas il-Methadone irid ukoll hemm ikun hemm metodu ta' treatment iehor, fis-sens sapport, councelling hemm psychologist.*
>
> *…*
>
> *Forsi anke rehabilitation u hekk qed tifhem."*

[1] Fol 193 tal-atti processwali nru 184/18

Illi l-Qorti tittama li l-akkuzat jiehu dawn il-kliem b'serjetà assoluta jekk jixtieq jibda fit-triq sabiex jeghleb il-vizzju li hakmu. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-piena.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 261(b)(c)(g), 267, 271(g) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Jon Lawrence Formosa** hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuzi u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin, filwaqt li ma ssibux hati tat-tielet (3) akkuza kif dedotta kontrih stante nuqqas ta' provi u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Il-Qorti tordna wkoll illi dawn ir-reati m'ghandhomx jittiehdu inkonsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' certifikat tal-kondotta

skont l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghall-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas lura tal-flejjes ammontanti li ghandu jaghti l-imputat lill-parte civile u cioè dak ta' mitejn u sittin ewro (€260).

-------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**